

**Parti fil-proċedura kriminali prinċipali**

Andreas Wittmann

**Dispożittiv**

It-tieni subparagrafu tal-Artikolu 11(4) tad-Direttiva 2006/126/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tal-20 ta' Diċembru 2006, dwar il-Liċenzji tas-Sewqan għandu jiġi interpretat fis-sens li miżura li permezz tagħha Stat Membru tar-residenza normali ta' persuna, li ma jistax jirtira mingħand din il-persuna, sewwieq ta' vettura bil-mutur, il-liċenzja tiegħu tas-sewqan minħabba li dan tal-aħħar kien diġà s-suġġett ta' deċiżjoni ta' rtirar preċedenti, jordna li liċenzja għda tas-sewqan mhux ser tkun tista' tinħareġ lill-imsemmija persuna matul perijodu stabbilit għandha titqies li hija miżura ta' restrizzjoni, ta' sospensjoni jew ta' rtirar tal-liċenzja tas-sewqan fis-sens ta' din id-dispożizzjoni, bil-konsegwenza li ser tkun ta' ostakolu għar-rikonoxximent tal-validità tal-liċenzji kollha maħruġa minn Stat Membru ieħor qabel l-iskadenza ta' dan il-perijodu. Iċ-ċirkustanza li s-sentenza li tippronunzja din il-miżura tkun saret definittiva wara l-ħruġ tal-liċenzja tas-sewqan fit-tieni Stat hija s'dan ir-rigward mingħajr effett, peress li din il-liċenzja tkun inkisbet wara l-pronunzja ta' din is-sentenza u r-raġunijiet li jiġġustifikaw l-imsemmija miżura kienu jeżistu fid-data tal-ħruġ tal-imsemmija liċenzja.

<sup>(1)</sup> ĠU C 372, 20.10.2014.

**Sentenza tal-Qorti tal-Ġustizzja (L-Ewwel Awla) tal-21 ta' Mejju 2015 (talba għal deċiżjoni preliminarjari tal-Conseil d'État – Franza) – Ministre délégué, chargé du budget vs Marlène Pazdziej**

(Kawża C-349/14) <sup>(1)</sup>

**(Rinviju għal deċiżjoni preliminarjari — Protokoll dwar il-privileġġi u l-immunitajiet tal-Unjoni Ewropea — It-tieni paragrafu tal-Artikolu 12 — Taxxa miġbura favur awtoritajiet lokali mingħand persuni li għandhom proprjetà residenzjali fit-territorju ta' dawn tal-aħħar — Limitu massimu — Miżura soċjali — Teħid inkunsiderazzjoni tal-pagi, tas-salarji u tar-remunerazzjonijiet imħallsa mill-Unjoni Ewropea lill-uffiċjali u lill-impjegati l-oħra tagħha)**

(2015/C 236/28)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

**Qorti tar-rinviju**

Conseil d'État

**Partijiet fil-kawża prinċipali**

Rikorrent: Ministre délégué, chargé du budget

Konvenut: Marlène Pazdziej

**Dispożittiv**

It-tieni paragrafu tal-Artikolu 12 tal-Protokoll dwar il-Privileġġi u l-Immunitajiet tal-Unjoni Ewropea, anness mat-Trattati UE, FUE u KEFA, għandu jiġi interpretat fis-sens li ma jipprekludix leġiżlazzjoni nazzjonali, bħal dik inkwistjoni fil-kawża prinċipali, li tiegħu inkunsiderazzjoni s-salarji, il-pagi u l-emolumenti mħallsa mill-Unjoni Ewropea lill-uffiċjali u lill-impjegati l-oħra tagħha għad-determinazzjoni tal-limitu massimu tal-kontribuzzjonijiet dovuti bħala taxxa fuq il-proprjetà residenzjali miġbura favur il-kollettivitajiet territorjali, fid-dawl ta' eżenzjoni possibbli minnha.

<sup>(1)</sup> ĠU C 372, 20.10.2014.